**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 t'April 2025**

Rikors Numru: 392/24 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 488/2015)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u tletin ta' Marzu tas-sena elfejn u hmi- stax (31/03/2015) kif jidher mill-anness certifikat taż-żwieġ mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi l-esponenti sseparaw legalment minn ma'xulxin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Melvin Polidano datat sitta ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (06/12/2018) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal';
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati itta ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (06/12/2018), u qilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn sena (1) matul l-ah- har (2) precedenti dan l-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66B(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ammendat permezz tal-Att XXV of 2021.
5. Illi dwar il-manteniment l-esponenti kif ukoll martu kienu irrinunzjaw ghad- dritt tagħhom għal manteniment, u dan skont klawżoli numru tlieta (3) u erbgħa (4) tal-istess kuntratt hawn fuq msemmi.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meh- tiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registartur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Onorabbli Qorti, jazva lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-par- tijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku:

Rat ir-risposta mahlufa tal-intimata li permezz taghha tesponi:

Illi huwa minnu illi l-partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg;

Illi huwa minnu li ma l-ebda lok ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm l-ebda manteniment f’arretrati dovuti;

Illi l-esponenti ma topponiex ghad-divorzju b’dana illi pero hi ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza odjerna;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Awwissu 2024;

Rat ir-risposta mahlufa tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Dicembru 2018.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.